MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2003

Citazzjoni Numru. 830/2003

**Global Village English Center (Malta) Limited**

**Vs**

**Av. Dott. Martin Fenech u P.L. Liliana Buhagiar bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lis-socjeta' estera IP Internationale Projekt GmbH, ta' Martinistrasse 60, Q-28195 Bremen, Germanja**

Il-Qorti,

Rat l-atti tac-citazzjoni li biha s-socjeta' attrici ppremettiet illi hi topera skola ta taghlim ta' lingwa ingliza f'Malta, u kellha ftehim kummercjali mas-socjeta' konvenuta (qabel maghrufa bhala Offaehrte Touristik GmbH) ghas-sena elfejn u tnejn (2002) li permezz tieghu l-istess socjeta' konvenuta baghtet Malta diversi studenti barranin ghat-

taghlim fl-iskola tas-socjeta’ attrici u l-istess socjeta’ attrici sabet l-alloggjar u l-akkomodazzjoni ta’ l-istess stduenti f’Malta u baghtet id-debiti fatturi lis-socjeta’ konvenuta, bil-patt li fl-ahhar ta’ l-istagun tas-sajf ta’ dik is-sena jsiru l-konteggi u l-eventwali spartizzjoni ta’ profitti bejn il-partijiet wara li jithallsu d-djun relattivi;

Ippremettiet illi oltre dan, fl-ahhar xhur tas-sena elfejn u tnejn (2002) is-socjeta’ attrici ndunat li kien hemm ammonti ohra dovuti mis-socjeta’ konvenuta fil-kont kurrenti bejn il-partijiet, peress li dina hallset lill-istess socjeta’ attrici bl-EURO minflok bil-liri Maltin;

Ippremettiet illi ghalsdaqstant is-socjeta’ konvenuta hija debitrici ta’ s-socjeta’ attrici fis-somma ta’ ghaxart elef u sitta u sebghin lira u tlettax ‘il centezmu (LM10,076.13,0) u dan rapprezentanti diversi servizzi moghtija mis-sojceta’ attrici flimkien ma’ spejjez relatati;

Ippremettiet illi ghalkemm debitament u diversament interpellata sabiex thallas dan l-ammont, ukoll permezz ta’ ittri interpellatorji datati erbatax (14) ta’ Jannar u sebgha (7) ta’ frar, elfejn u tlieta (2003) kif ukoll ittra ufficjali datata disgha u ghoxrin (29) ta’ Mejju elfejn u tlieta (2003) debitament notifikata lilha, is-socjeta’ konvenuta xorta wahda baqghet inadempjenti;

Talbet biex il-konvenuti nomine ghidu ghaliex ghar-ragunijiet premessi, m’ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tidddikjara lis-socjeta’ konvenuta debitrici ta’ s-socjeta’ attrici fis-somma ta’ ghaxart elef u sitta u sebghin lira u tlettax ‘il centezmu (LM10,076.13,0);

2. Tikkundanna lill-istess socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ ghaxart elef u sitta u sebghin lira u tlettax ‘il centezmu (LM10,076.13,0)

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-ittri nterpellatorji datati erbatax (14) ta’ Jannar u sebgha (7) ta’ Frar elfejn u tlieta (2003) u ta’ l-ittra ufficcjali datata disgha u ghoxrin (29) ta’ Mejju elfejn u tlieta (2003), u bl-imghaxijiet kollha skond il-

ligi sa' d-data ta' l-pagement effettiv kontra s-socjeta' konvenuta li tibqa' sa' minn issa ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti nomine li naqsu li jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta' attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-konvenuti nomine tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuti nomine.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------